

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/677**tal-10 ta' April 2017****li jestendi d-deroga mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 dwar id-distanza minima mill-kosta u l-fond minimu awtorizzati għat-tartaruni li jintużaw għas-sajd tal-makku (*Aphia minuta*) f'ċerti ilmiġiet territorjali ta' Spanja (Murcia)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 tal-21 ta' Diċembru 2006 dwar miżuri ta' ġestjoni għall-isfruttament sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd fil-Baħar Mediterran ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 13(5) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 13(1) tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006 jipprojbixxi l-użu ta' tagħmir irmunkat sa tliet mili nawtiċi mill-kosta jew sa livell ta' fond ta' 50 metru meta dak il-fond jintlaħaq 'il ġewwa minn dik id-distanza mill-kosta.
- (2) Meta xi Stat Membru jitlobha dan, il-Kummissjoni tista' tippermetti deroga mill-Artikolu 13(1) tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006, dment li jintlaħqu għadd ta' kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 13(5) u (9).
- (3) Fis-17 ta' April 2012 il-Kummissjoni rċeviet talba mingħand Spanja għal deroga mill-ewwel sottoparagrafu tal-Artikolu 13(1) ta' dak ir-Regolament, biex jintużaw tartaruni għas-sajd tal-makku (*Aphia minuta*) fl-ilmiġiet territorjali tagħha fil-Komunità Awtonoma ta' Murcia.
- (4) Fl-2013, il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF) ivvaluta d-deroga li talbet Spanja u l-abbozz relatat tal-pjan ta' ġestjoni.
- (5) Spanja adottat il-pjan ta' ġestjoni Spanjol fis-27 ta' Marzu 2013 ⁽²⁾.
- (6) Id-deroga mill-ewwel sottoparagrafu tal-Artikolu 13(1) ingħatat sal-31 ta' Diċembru 2016 permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 773/2013 ⁽³⁾.
- (7) F'Ġunju 2013, f'Settembru 2014, f'Lulju 2015 u f'Lulju 2016 Spanja ppreżentat lill-Kummissjoni rapporti xjentifiċi dwar l-implimentazzjoni tal-pjan ta' ġestjoni.
- (8) Fit-13 ta' Lulju 2016, l-awtoritajiet Spanjoli talbu lill-Kummissjoni Ewropea testendi d-deroga għal wara l-31 ta' Diċembru 2016. Spanja tat informazzjoni aġġornata biex tiġġustifika t-tiġdid tad-deroga.
- (9) Fl-2016 l-STECF ivvaluta t-talba ta' Spanja għall-prolongazzjoni tad-deroga u l-abbozz relatat tal-pjan ta' ġestjoni.
- (10) Id-deroga li talbet Spanja tikkonforma mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 13(5) u (9) tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006.
- (11) Minħabba d-daqs limitat tal-blata kontinentali u d-distribuzzjoni speċjali tal-ispeċi fil-mira, hemm limitazzjonijiet ġeografiċi speċifiċi.
- (12) Is-sajd bit-tartaruni ma jistax isir b'tagħmir ieħor u ma għandu l-ebda impatt sinifikanti fuq l-ambjent tal-baħar.

⁽¹⁾ ĠU L 36, 8.2.2007, p. 6.⁽²⁾ Ara l-ĠU tar-Reġjun ta' Murcia Nru 78 tas-6.4.2013, p. 13950.⁽³⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 773/2013 tat-12 ta' Awwissu 2013 li jistabbilixxi deroga mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 dwar id-distanza minima mill-kosta u l-fond minimu tal-baħar għas-sajd mit-tartaruni għall-makku (*Aphia minuta*) f'ċerti ilmiġiet territorjali ta' Spanja (Murcia) (ĠU L 217, 13.8.2013, p. 28).

- (13) Id-deroga li talbet Spanja tolgot għadd limitat ta' 27 bastiment biss.
- (14) Il-pjan ta' ġestjoni jiggarrantixxi li fil-ġejjieni mhux se jiżdied l-isforz tas-sajd, peress li l-awtorizzazzjonijiet tas-sajd se jinħarġu lis-27 bastiment speċifikat u se jkunu jinvolvu sforz totali ta' 1 211 kW li diġà huma awtorizzati għas-sajd minn Spanja.
- (15) Dawk il-bastimenti jinsabu fl-ista li ntbagħtet lill-Kummissjoni skont ir-rekwiżiti tal-Artikolu 13(9) tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006.
- (16) Il-pjan ta' ġestjoni jintroduċi modifiki sabiex l-operazzjonijiet tas-sajd isiru aktar effettivi, billi (i) joffri l-possibilità li jkun hemm data flessibbli għal meta jinbeda l-istaġun tas-sajd permess skont il-kundizzjonijiet meteoroloġiċi, (ii) jistabbilixxi l-qbid massimu ta' kuljum awtorizzat għal kull bastiment, għal kull ġurnata u għal kull sajjied impjegat, (iii) jimmodifika l-punti ta' referenza tal-limiti f'konformità mad-dejta xjentifika tas-sinjuri 2012 sal-2016, (iv) jintroduċi miżuri biex jiġi ristrett it-trasferiment tal-awtorizzazzjonijiet tas-sajd, u (v) jistabbilixxi kumitat ta' ġestjoni li jlaqqa' flimkien l-awtoritajiet, il-parteċipanti fis-settur tas-sajd, il-komunità xjentifika u l-partijiet interessati.
- (17) L-attivitajiet tas-sajd ikkonċernati jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006 li, permezz ta' deroga, jippermetti s-sajd 'il fuq mill-habitati protetti jekk is-sajd isir mingħajr ma jintmess il-qiegħ tal-algi skont ċerti kundizzjonijiet.
- (18) Ir-rekwiżit tal-Artikolu 8(1)(h) tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006 mhuwiex applikabbli għax dan għandu x'jaqsam mal-bastimenti tat-tkarkir.
- (19) Dwar ir-rekwiżit ta' konformità mal-Artikolu 9(3) li jistabbilixxi d-daqs minimu tal-malji, il-Kummissjoni tinnotta li billi l-attivitajiet tas-sajd ikkonċernati huma selettivi ferm, għandhom effett negliġibbli fuq l-ambjent tal-baħar u mhumiex affettwati mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4(5), f'konformità mal-Artikolu 9(7) tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006, Spanja awtorizzat deroga minn dawn id-dispożizzjonijiet fil-pjan ta' ġestjoni tagħha.
- (20) Il-pjan ta' ġestjoni Spanjol fih miżuri għall-monitoraġġ tal-attivitajiet tas-sajd, u b'hekk jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 14 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 ⁽¹⁾.
- (21) L-attivitajiet tas-sajd ikkonċernati ma jfixklux l-attivitajiet ta' bastimenti oħra.
- (22) L-attività tat-tartaruni jirregolaha l-pjan ta' ġestjoni Spanjol biex ikun żgurat li l-qabdiel tal-ispeċijiet imsemmija fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006 ikunu minimi.
- (23) It-tartaruni ma jimmirawx li jaqbd u ċ-ċefalopodi.
- (24) Il-pjan ta' ġestjoni Spanjol fih miżuri għall-monitoraġġ tal-attivitajiet tas-sajd, kif previst fit-tielet sottoparagrafu tal-Artikolu 13(9) tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006.
- (25) Għalhekk, id-deroga mitluba għandha tingħata.
- (26) Spanja għandha tirrapporta lill-Kummissjoni fil-waqt ix-xieraq u skont il-pjan ta' monitoraġġ previst fil-pjan ta' ġestjoni Spanjol.
- (27) B'limitu fit-tul tad-deroga jkun jistgħu jittieħdu miżuri ta' ġestjoni korrettivi fil-pront, f'każ li l-monitoraġġ tal-pjan ta' ġestjoni jkun juri status ta' konservazzjoni dgħajfef għall-istokk sfruttat, filwaqt li jkun hemm lok li tissaħħaħ il-bażi xjentifika għal pjan ta' ġestjoni aħjar.
- (28) Għaldaqstant, id-deroga għandha tapplika sal-31 ta' Diċembru 2019.
- (29) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għas-Sajd u l-Akkwakultura,

⁽¹⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal- 20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (ĠUL 343, 22.12.2009, p. 1).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Deroga

L-Artikolu 13(1) tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006 ma għandux japplika fl-ilmijiet territorjali ta' Spanja li jinsabu biswit il-kosta tal-Komunità Awtonoma ta' Murcia, għas-sajd mit-tartaruni għall-makku (*Aphia minuta*) li jkun qed isir minn bastimenti:

- (a) irreġistrati f'ċensiment marittimu ġestit mid-Direttorat Ġenerali għall-Bhejjem u għas-Sajd tal-Komunità Awtonoma ta' Murcia;
- (b) li għandhom esperjenza ta' aktar minn ħames snin fis-sajd u li ma jkunu jinvolvu l-ebda żieda fil-futur fl-isforz tas-sajd ipprovdut; u
- (c) li jkollhom awtorizzazzjoni għas-sajd u li joperaw skont pjan ta' ġestjoni adottat minn Spanja skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006 (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-pjan ta' ġestjoni").

Din id-deroga għandha tapplika sal-31 ta' Diċembru 2019.

Artikolu 2

Pjan ta' monitoraġġ u rapport

Fi żmien tliet snin minn meta jidħol fis-seħħ dan ir-Regolament, Spanja għandha tibgħat rapport lill-Kummissjoni li jitfassal skont il-pjan ta' monitoraġġ stabbilit fil-pjan ta' ġestjoni msemmi fl-Artikolu 1, l-ewwel paragrafu, il-punt c.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' April 2017.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER